Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 233 / 2019**

Il-Pulizija

Spettur Matthew Galea

vs

**Norman Cascun**

Illum, 12 ta' Dicembru, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Norman Cascun, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 275666 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar it-13 ta' Marzu, 2019, bejn l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar u l-hamsa ta' fil-ghaxija gewwa l-fond numru 52, 'Nova Scotia', Triq Pawlu Inguanez, Rabat, Malta u fiz-zminijiet ta' qabel, ghamel ingurji w theddid lil martu Margaret Cascun KI: 189067 M;

U aktar talli fl-istess data u lok, matul il-ħinijiet indikati, ċirkostanzi u fiż-żminijiet ta' qabel, ikkaġuna lil ħaddieħor, ċioe lil martu Margaret Cascun KI: 189067 M, biża li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 221 (1).

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Margaret Cascun jew għaż-żamm ta' l-ordni pubbliku jew għal skop ta' protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skond l-artikolu 412 C tal-Kap 9 u f' każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża u l-familja tagħha ai termini ta' l-artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412 D tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Lulju, 2019, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 7, 222 (1) (a), 251 (B) (1) u 339 (1) ( e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannathu ghal perjodu ta' 3 xhur prigunerija, li b' applikazzjoni tal-Artikoli 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal perjodu ta' 3 snin.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile* Margaret Cascun u l-familjari taghha ai termini tal-Artikoli 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u rabtet lill-imputat Norman Cascun b' garanzija personali ta' elfejn ewro ghal zmien mill-llum u dan billi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jingurjax lil *parte civile* Margaret Cascun u l-familjari taghha.

Illi fil-kaz odjern ma gewx mahtura esperti u ghalhekk ma hemmx spejjez x' jithallsu mill-imputat f' dan ir-rigward.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x' jigri jekk

jikkometti reat iehor fi zmien tlett snin.

Rat ir-rikors tal-appellanti Norman Cascun minnu pprezentat fil-5 t' Awwissu, 2019, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha **tħassarha u tikkanċella** fejn, sabet lill-esponent ħati ta' l-akkużi u kkundannatu għal perjodu ta' tlett (3) xhur priġunerija li applikazzjoni ta' artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospizi għal perjodu ta' tlett (3) snin u minnhom tilliberaħ, u fin-nuqqas, l-esponenti umilment jitlob li tigi imposta piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern.

Rat **iLLI** l-aggravji huma ċari u manifesti, u jikkonsistu fis-segwenti:

1. **ILLI** l-ewwel Onorabbili Qorti għamlet applikazzjoni skorretta tal-liġi u apprezzament żbaljat tal-provi;

2. **ILLI** l-piena nflitta hija esaġerata.

Applikazzjoni skorretta tal-liġi u apprezzament żbaljat tal-provi

**ILLI** l-esponenti instab ħati taż-żewġ imputazzjonijiet – waħda ta' natura kontravenzjonali ossjia li għamel inġurji u theddid lill-martu kif kontemplat f' artikolu 339.1.e tal-Kap 9. Kwindi r-reat imsemmi huwa azzjonabbli biss bil-kwerela tal-parti leża, liema kwerela tista tiġi rtirata mill-istess f' kull stadju tal-proċeduri.

**ILLI** fil-fatt bħal ma jirriżulta mill-atti[1], mart l-esponenti peress li l-partijiet kienu rrikonċiljaw u rrikonoxxew li l-akkadut ma kienx inċident ta' ċertu portata, għażlet li ma tixhidx kontra l-esponenti. Aktar minn hekk għalkemm ma jirriżultax mill-atti

[1] A fol 41

kienet ukoll ħafret lill-esponenti u ddikjarat li ma kellha ebda interess f' dawn il-proċeduri. Dan huwa fattur stramb bħal ma hu stramb ukoll il-fatt riporat fis-sentenza appellata[2] fejn tul il-prosegwiment tal-kawża, l-partijiet kienu konġiuntivament, għaliex kienu rrikonċiljaw id-differenzi, talbu lill-Qorti tirrevoka l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa a tenur ta' artikou 412C kif ukoll il-kondizzjoni imposta fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest li l-esponent ma jersqax lejn il-lokalita' tar-Rabat. Dana kif fil-fatt ġara u l-imsemmija Ordni ta' Protezzjoni ġiet revokata għalkemm ma jirriżulta xejn in atti.

**ILLI** għalhekk a bażi tar-rinunzja tal-parti leża l-esponenti ma setax jinstab ħati ta' din il-kontravenzjoni.

**ILLI** l-esponenti ġie akkużat ukoll bir-reat kif kontemplat f'artikolu 251 B tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta, ossija li ġiegħel (fil-każ odjern) lil martu tibża li ser tintuża vjolenza kontriha.

**ILLI** apparti kliem il-liġi stess fejn il-leġislatur stipula *kull darba minn dawk l-okkażjonijiet*[3] li jindika li ma jistax ikun okkazjoni / inċident ta' darba, huwa kostanti fil-ġurisprudenza nostrana li sabiex tirriżulta ħtija wieħed mill-elementi ewlenin huwa li jirriżulta 'a *course of conduct*' u mhux sempliċiment inċident wieħed.

**ILLI** jinsab kostantement ritenut f' dana il-kuntest; *Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that*

[2] A pag 3 sentenza appellata.

[3] Art 251B

*violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."*

*Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa.*[4]

**ILLI** fil-kaz odjern apparti li l-parti leża għażlet li ma tixhedx, teknikament ma hemm l-ebda prova fil-konfront ta' l-esponenti, u dana peress li x-xhieda tal-ħaddiem soċjali ta' l-Aġenzija Appoġġ u ta' l-Uffiċjal Investigattiv, l-Ispettur Matthew Galea hija kollha bbażata fuq *detto del detto.*

**ILLI** aktar minn hekk jirriżulta:

1. Mir-rapport intavolat mill-parti leża fejn jingħad testwalment *'fejn din bdiet tibki u tgħid li illum kellu (b' referenza għall-esponenti) problema mal-mechanic u kif wasal id-dar kien irrabjat u beda jkisser'*[5] fl-ebda mument ma tghid li t-tkissir kien dirett lejħa.

---

[4] Qort ta' l-Appell (I) Il-Pulizija vs Raymond Parnis 24 ta' April 2009

[5] Rapport a fol 12

2. Meta l-istess parti leża ġiet mitkellma mill-Ħaddiema Soċjali ta' l-Aġenzija Appoġġ hija stqarret magħhom *'She claimed that there has never been physical abused'*[6]
3. Mill-istqarrija ta' l-esponenti ma jirriżultax li dan tefa xi oġġetti lejn martu iżda sempliċiment kisser dak li ġie għal idejh. Fuq domanda ta' l-uffiċjal investigattiv *'Gieli kissirt affarijiet ġod dar qabel illum ?* iwieġeb *'Le qatt qatt anzi nirrangahom.*[7]
4. L-akkadut kien biss inċident ta' darba,

**ILLI** għalhekk ab bażi tas-suespost l-ewwel Onorabbli Qorti kienet skorretta legalment u fattwalment meta sabiet ħtija ta' din l-imputazzjoni għaliex apparti mankanza assoluta ta' provi f' dana r-rigward ma irriżultax li:

1. L-inċidenti seħħew f' aktar minn okkażjoni waħda;
2. Ma kienx hemm *a course of conduct;*
3. It-tkissir minimu ta' platt u *mug* ma kienx dirett lejn il-parti leża imma sempliċiment kien mument ta' rabja fejn l-esponenti sabbat l-affarijiet tiegħu ma l-art.
4. Ma jirriżulta l-ebda indizju lanqas remotament li kienet ser tiġi perpetrata xi vjolenza fil-futur.

**ILLI** finalment u assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost anke fil-kaz ta' sejbien ta' ħtija l-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti hija waħda esaġerata fiċ-ċirkostanzi.

Rat dak li gie verbalizzat mid-difiza quddiem dinil-Qorti fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2019 fejn Dr Rodianne Sciberras ghall-kwerealnti Margaret Cascun prezenti fl-awla

---

[6] Rapport ħaddiema soċjali a fol 17

[7] Stqarrija ta' l-esponenti a fol 19

stqarret li l-kwerelanti ma tixtieqx tixhed f'dawn il-proceduri stante li illum hija irrikoncijat iz-zwieg taghha tant li qed tghix flimkien ma l-akkuzat appellant u it-tlett uleid taghhom. Ikkonfermat li hija tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma zewgha u tlett uliedhom taht saqaf wiehed.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fl-istess seduta tat-12 ta' Novembru, 2019.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant tressaq il-Qorti taht arrest nhar l-14 ta' Marzu 2019 fejn gie akkuzat bil-kontravenzjoni ta' ingurji u theddid fil-konfront ta' martu f'jum partikolari u cioe nhar it-13 ta' Marzu 2019 gewwa l-fond numru 52, Nova Scotia, Triq Pawlu Inguanez, Rabat u fit-tieni lok bir-reat li fl-istess jum u lok u fiz-zmijiet ta' qabel ikkaguna lil haddiehor u cioe lil martu Margaret biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mil-axxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuni imsemmja fl-artikolu 331(1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward l-ewwel akkuza u cioe' dik kontravenzjonali moghtija ai fini tal-artikolu 338(1)(e) tal-kap 9 din il-kontravenzjoni tista' tigi facilment renunzjabbli mill-kwerelanti una volta l-istess kwerelanti li ghalkemm hi xhud kompetenti ma titsax tigi mizmuma tixhed kontra r-rieda taghha. Fi-dawl ta' dak verbalizzat mid-difiza l-kwerelanti ma xtaqitx tixhed kontra zewgha u kienet qed tirrinunza ghal dak kollu li hu renunzjabbli l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-istess akkuza.

Dwar it-tieni akkuza l-prosekuzzjoni resqet is-segwenti xhieda u cioe l-ispettur **Matthew Galea** li xehed nhar id-29 ta' Marzu, 2019. Dan spjega li nhar it-13 ta' Mrzu 2019 ghall-habta tal-5.00pm l-kamra tal control tal-pulizija infurmat l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat li gewwa il-fond 52, Triq Pawlu Inguanez ,Rabat kien instema ragel ikisser. Il-pulizija irrikorriet fuq il-post fejn sabet l-imputat li gie kalmat mill-pulizija tal- RIU. Fuq

il-post giet mitkelma Margaret Cascun, mart l-akkuzat fejn din bdiet tibki u qalet li iktar kmieni dak in-nhar zewgha mar id-dar irrabjat u beda ikisser xi affarijiet u nezzaghha. Dal-affarijiet graw iktar minn darba fil-passat. Minkejja li din qatt ma irrportat dan lill-pulizija din stqarret li l-akkzuat qallha li jekk iccempel lill-pulizija kien ser joqtolha.

Ix-xhud ighid li l-akkuzat ammetta mieghu li kien kisser xi affarijiet kif ukoll li hedded lil martu. Qal li huwa ordna li isir *risk assessment* tal-akkuzat u irrizultalu li kien *high risk* u kien ghalhek li ghadda biex jarrresta lill-akkuzat. Huwa ghadda biex ha stqarrija tal-akkuzat u dan ammetta li kien kisser xi affarijiet u li kien in effetti hedded lil martu. Dan tressaq il-Qorti u inharget Ordni ta' Protezzjoni favur martu.

**Marilyn Agius** xehdet nhar id-29 ta' Marzu, 2019 u spjegat li giet mitluba taghmel *risk assessment* minhabba rapport li kien sar ta' vjolenza domestika. Hija tkelmet ma Margaret Cascun li hija vitma rigward ir-rapport li ghamlet u l-abbuz. Spjegatilha li dakinhar ttal-incident zewgha kien gie lura d-dar u diga ma kienx qieghed f'burdata tajba u inqala argument bejniethom.

Mistoqsija jekk taf meta sehh dan l-incident, spjegat li dan sehh fit-13 ta' Marzu, 2019 u zidet tghid li l-akkuzat qal lill-pulizija li jekk jidhol il-habs johrog u joqtol lil mara. Qaltilhom ukoll li din is-sitwazzjoni ilha ghaddejja ftit zmien. Qalet li ma kienx hemm abbuz fiziku izda dak emozjonali u verbali. Qalet li thossha inkapaci u zewgha dejjem iwaqqaghha 'l isfel.

Tghid li qaltilhom li fi zmien ta' qabel kien mar ghand Psikjatra fejn kien gie preskritt l-medicina li sa llum ghadu jiehu pero ma kienitx taf jekk kienx ghadu jiehu. Qalet li l-akkuzat jghamel uzu mill-alkohol u marijuana u li kien qed jiehu ghajnuna psikjatrika ghad-*depression* li ghandu.

Spjegat li Margaret qaltilha li lejliet ir-ragel taghha qallha li kien ser isajjar izda meta mar id-dar l-ghada ma kellux aptit u kien qisu ftit agitat u aggressiv. Inqala' argument ghax beda johodha ftit kontriha minhabba li ma sabx certu affarijiet lesti. U qaltilhom ukoll li zewgha haseb li kienet ser icempel lill-pulizija u kien qisu ha jattakha u kien

hemm it-tifel li waqqaf dan milli isir u kien hemm l-involviment tal-pulizija ghax is-sitwazzjoni bdiet teskala. Qalet ukol illi l kwrelanti qaltilha il ghalkemm kien hemm sitwazzjonijiet fejn ma kienx aggressiv lejha kisser xi affarijiet li hemm fid-dar..

Mistqsija jekk kienx dakinhar jew granet ohra wiegbet li gara hekk dakinhar ukoll. Qalet ukoll li fejn jidhol it-tifel kien hemm abbuz emozjonali fejn sahansitra min naha tal-akkuzat kienhemm allegazzjoni li qal lit-tifel li l-omm ma riditx it-tifel ghax kellha tqala difficli. Kien hemm imsemmi ukoll li kien bi hsiebu jtliaq izda ma telaqx biex ma ipaxxihiex. Qaltilha ukoll li l-akkuzat gili hedded li kien ser iwegga l-annimali ukoll. Tghid ukol li rat li l-kwerelanti kienet qatghet kul kuntat ma ohtha li tghix barra minn Malta u ma kienitx izomm kunttt ma huha ghaliex zewgha ma kienx ihalliha ghaliex kien hemm xi *issue* fuq xi proprjeta bejniethom. Qalet ukoll li l-akkuzat kien ried li martu taghmel operazzjoni biex taghlaq it-*tubes* taghha biex ma tinqabadx tqila izda kienet imbezza li taghmel dan u kien hemm biza' li tinqabad tqila min naha tieghu. Hija kkonfermat ir- *risk assessment* a fol. 13 ta' l-atti, maghmula minnha flimien ma Margaret Boyz.

Mistoqsija jekk tkelmitx ma l-akkuzat ghid li le u baqghet biss fuq il-versjoni taghha u kkonfermat li ghall-incident ma kienitx prezenti.

Rat li l-kwerealnti tresqet tixhed aktar minn okkajoni wahda u dejjem ghazlet li ma tixhidx kontra zewgha.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri u appuntu fis-26 ta' April 2019, l-ewwel Qorti kienet ukoll nehhiet l-Ordni ta' Protezzjoni li l-Qorti kienet harget a favur tal- kwerelanti fl-14 ta' Marzu, 2019.

L-akkuzat **Norman Cascun** ma xehdx f'dawn il-proceduri pero irrilaxja stqarrija nhar it-13 ta' Marzu 2019 u stqarr lihuwa jahdem bhala deliveryman Qalet lidakinhar kien wasal id-dar mix-xoghol fis-2.00p.m u mar biex jiekol u ma sab xejn. Imbaghad xtara ir-ross Indjan u martu hasbet li ha jghamel ir-ross li kien xtrah '*l bierah u qallha "Mela r-ross jittiekel fil ghaxija*?". Qalha "*Ha nohrog il-majjal biex naghmlu l-forn haqq l-Ostja.*" Qal li

kienu ilhom ghadejjin sittax-il sena minn qabel twieled it-tifel. Jghid li kienet tghidlu li ma tridux u biex jorqod forsi ma iqumx l-ghada. Dak il-hin cemplet it-tifla li kien qed tixtri minghand il-Pama u staqsietha jekk ghandhiex bzonn xi haga u beda ighidlha biex jixtru il Kafe gold u xi affarijiet ohra. Beda jitkellem jghajjat biex tisimghu t-tifla u wara xi tlett minuti martu tatu t-telefon. Dak il-hin bintu irrepetiet warajh u haseb li kienet qed tigbidlu saqajgh u ghalhekk pogga it-telefon fuq il-mejda u qal "*Ghalxejn naghmel maghkom jien u intikom li tridu u ma tirrispettawnix'*. Dak il-hin telghalu u beda jghidilha biex tieqaf u beda isabbat, jgholli u jkisser. Qal li l-krizi kienet ilha ghaddejja u li ma telaqx mid-dar biex ma jisfrattax familja.

Qal li martu kienet theddu ukoll u kien ilu xi erbgha snin u nofs ma jkollu x'jasam maghha ghax tibza li tinqabad tqila.

Mistoqsighaliex kisse l-afarijiet dakinhar wiegeb li ghamel hekk biex jizzvoga. Jghid likellu ghoqda fl-istonku tieghu u inhallet. Qal li dakinhar strah u kien ilu sittax-il sena jghid li irid ikiser kul mhemm ghax kollox hu tieghu. Martu qatt ma harget penny, kul ma ghandha il-hwejjeg u t- televixin, kollox hallas hu. Qal li fil-birthday taghha halsilha ukoll karozza mix- showroom. Martu fi hsiebha fi flus biss kif itiha ll-paga jixghel wiccha u jekk jittardja gimgha erbat ijiem tghidlu li irid itiha l-flus. Mistoqsi jekk qatx kisser xi affarijiet id-dar qabel dakinhar ighid li le anzi jirranghom ghaliex id-dar ihobbha pulita u nadifa. Mistoqsi jekk qatx hedded lil martu bhal per esempju li jotolha ighid li dak id-diskors sar dak in-nhar tal-incident biss. Jghid li qallha li jekk iddahlu il-habs joqtolha u qal dan id-diskors biex ibezzaghha aktar milli verament biex joqtola ghax hu ihobbha.

Qal li id-dar ta'ommu kien imdejjaq hafna ghaliex missieru kien isawwat lill-ommu u lilu ma kienx jurih imhabba. Qal li ghaggel biex jizzewweg biex jitlaq mid-dar.

Ikkunsidrat,

Dwar l-ewwel akkuza ma hemmx wisq x jinghad stante kif gja gie rapportat aktar il fuq din il-Qort asjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' din l-akkuza wara li l-kwerelanti stqarret li

m'ghandhiex interess fl-esitu ta' dawn il-proceduri u li kienet qed tirtira dak kollu li hu renunzjabbli.

Dwar it-tieni akkuza jinghad li l-akkuzat appellant hu akkuzat bir-reat kif dispost fl-artikolu 251B (1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u cioe li ikkaguna lil martu biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta taghha u dan fl-okkazjoni tat-13 ta' Marzu 2019 u fiz-zmijiet ta' qabel [8]gewwa id-dar matrimonjali.

Id-difiza sostniet li din l-ewwel qorti qatt ma setghet issib htija fil-konfront tal –akkuzat stante li fl-ewwellok it tkissir ma kienx dirett lejn l-kwerelanti u in oktre ma giex provat a course of conduct. Jinghad li din il-Qorti ma taqbel xejn ma dan ir ragunament u dan ghleix kien l-akkuzat stess slistqarija stss li ighid li kien ilhom ghaddejjin b'din il-hajja sittax-il sena. Din il-Qorti vera ser tiskarta dak li l-kwerealnti qalet lis-social worker Marilyn Agius u lill-ispettur u dan ghaliex l-istes kwerelanti ghazlet li ma tikkonfermax dak mitqal minnha pero ma tita tinjora dakk li l-appellant stqarr fl-istqarrija tieghu una volta din ma gietx kontestata. Ex admissed ighid 'Illu kelli ghowda fl-istonku tieghu u nhallet. Issa strihajt u ilni sittax il-sena nghid li irrid inkisser kul mhawn ghax li hawn tieghi." Dan hu agir indikattiv li l-appellant hu bniedem aggressiv u jindika ukoll li l-familja Cascun ilha ghaddejja mill-problemi. Il-kelma 'sbroffa' fiha innifisha tfisser li kien ilu jingema go fih ir rabja li sahansitra hass li kellu jisploda aktar mis-soltu kif fil-fatt ghamel.

Illi pero minkejja li din il-Qorti qed tichad id-difiza tal-appellant f'dak ir rigward ghaliex temmen li verament l-appellant set ikaguna biza fuq martu tul numru ta' snin bl-agir tieghu, thoss li dain l-akkuza bazata fuq id domestiv vience act stnat li l-appellant bezzgha lil martu dawn il-proceduri jsitghu jitwaqfu mill-kwerelantikuntrarjament ghal dak li qalet il-prosekuzzjoni.

---

[8] Enfasi ta' din l Onorabbli Qorti

Jidher li l-Pulizija agixxiet *ex officio* kif kellha d-dmir li taghmel (tant li anke meta Margaret Cascun ghazlet li ma tixhedx quddiem l-ewwel Qorti l-pulizija baqghet ghaddejja bil-kaz) kemm minhabba r-ragunijiet hawn fuq imsemmija kif ukoll ghaliex skont l-Artikolu 543(e) tal-Kodici Kriminali il- Pulizija ghandha wkoll dmir tipprocedi ex officio f'kazijiet li jinvolvu "*vjolenza domestika*[9]" skont l-Att dwar il-Vjolenza Domestika.

L-**Artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika** jipprovdi zewg testijiet kumultattivi ghalbiex persuna titqies vitma jew imputata f'kaz ta' vjolenza domestika taht dan l-Artikolu; cjoe jrid ikun hemm il-: -

(a) kwalifika ta' "membru domestiku";

(b) kwalifika ta' "vjolenza domestika";

Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) f'dan il-kaz jidher li zewg kriterja imsemmija fl-Artikolu 2(ii) u 2(viii) huma sodisfatti.[10] Jirrizulta li Margaret Cascun u l-imputat ilhom mizzewgin sa mis-sena 1999, ghall-perijodu ta' tmintax-il sena. FIl-fatt tghid Margaret Cascun fil-verbal tat-12 ta' Nvembru, 2019 li ghadhom ighixu flimkien taht l-istess saqaf bhala mizzewgin fid-dar matrimonjali taghhom u l-aktar importanti, li ghandhom tlett itfal minn dan iz-zwieg.

---

[9] 543. Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin: (e) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika: Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l -awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-minuri involuti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.

[10] "membru domestiku" tinkludi: (ii) persuni li jgħixu fl-istess dar mal-ħati jew li kienu jgħixu mal-ħati f'perjodu ta' sena qabel ir-reat; (viii) persuni li għandhom jew kellhom tifel bejniethom;

(b) f'dan il-kaz jidher ukoll li kien jinvolvi episodji ta' vjolenza kif mistqarr mill-istess akkuzat fl-istement tieghu meta jghid li dawn l-affarijeti ilhom ghaddejjin ghal xi sittax-il sena u sa fl-ahhar sbroffa u ikkawza hsara volontarja.

Skont l-Artikolu 2 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta:

"*vjolenza domestika*" tfisser kull att ta' vjolenza, anki jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor u tinkludi kull ommissjoni li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali lil ħaddieħor.

L-aktar reat serju huwa ipotizzat fl-incident li sehh nhar it-13 ta' Marzu, 2019 u huwa dak kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali ossija meta persuni jibzghu li ser tintuza vjolenza kontrihom. Naturalment il-fatt li l-akkuzat kien irrabjat u tant li anke kiser il-mobbli tieghu huwa indikattiv tal-agir aggressiv tieghu, flimkien mal-ammissjoni tieghu ta' theddid

Fil-fehma tal-Qorti it-theddid kemm jekk kwalifikat kemm jekk generiku jikkostitwixxi minn natura tieghu reat li jista' u ghandu, ghall-fini tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta jigi klassifikat bhala att ta' vjolenza kontra persuna, anke jekk ikun kommess fil-forma verbali biss.

Il-Pulizija ghandha s-setgha li tistitwixxi proceduri ex officio f'kaz ta' kommissjoni ta' reat/i li jinvolvu vjolenza domestika, anke minghajr il-htiega tal-kwerela tal-offiz.

Dan huwa intiz sabiex jigu salvagwardati dawk id-diversi vitmi ta' vjolenza domestika li jkunu jbghatu fis-skiet u li ma jkollhomx is-sahha u/jew ir-rieda psikologika li jipprocedu kontra l-aggressur. Kieku ma kienx ghal din id-disposizzjoni, l-ezercizzju tal-azzjoni penali f'dawn il-kazijiet ta' vjolenza domestika ssir difficli hafna ghaliex bosta drabi l-vitmi ma jkunux iridu li jipprocedu kontra l- aggressur taghhom ghal episodji li jsiru fi hdan l-erba' hitan tad-djar private minhabba biza ta' ritorsjoni jew ritaljazzjoni jew sempliciment ghaliex ma jkunux jafu jghixu mod iehor u jibqghu ibghatu fis-skiet.

Ghalhekk il-Ligi tat is-setgha lill-Pulizija jipprocedu *ex officio* f'kull kaz li jinvolvi vjolenza domestika – irrispettivament minn natura jew forma tar-reat li jinvolvi vjolenza – dment li din tkun vjolenza domestika skont l-Artikolu 2 tal-Kap 480. U dan minghajr ma l-istess Ligi tal-Vjolenza Domestika tippreskrivi tifsira ghall-kelma "vjolenza" –li allura tista tinvolvi diversi tipologiji ta' reati; u minghajr ma l-istess Ligi ssemmi jekk tali reati humiex procedibbli ad istanza tal-parti offiza jew le.

Pero l-istess **Artikolu 543 tal-Kodici Kriminali** jippreskrivi sitwazzjoni fejn il-kontinwazzjoni tal-azzjoni kriminali mibdija ex officio, (a prescindere mill-fatt jekk ir-reat li jinvolvi vjolenza domestika jkunx wiehed minn dawk li jehtiegu l-kwerela tal-parti offiza jew le – stante li l-Ligi hija siekta fuq dan) tista tigi mitmuma fuq decizjoni tal-vitma.

Hawnhekk il-legislatur ried li jintroduci kwalifika ghar-regola li azzjoni kriminali istitwita *ex officio* tibqa' miexja indipendentement mir-recess jew remissjoni tal-parti privata sabiex fil-kazijiet ta' vjolenza domestika jissalvagwardja l-interessi supremi tar-relazzjonijiet familjari (forsi biex jipprova jsalva dak li hu salvabbli u ma jkunx hemm attrit jew peggjorament tar-relazzjonijiet interpersonali bejn membri tal-familja li fl-ahhar mill-ahhar ikunu jridu jibqghu jghixu flimkien taht l-istess saqaf jew li jzommu l-kuntest domestiku ta' bejniethom). Hawnhekk allura l-Ligi trid li tipprevali l-Grazzja fuq il-Gustizzja fl-interess suprem tal-hajja domestika u l-importanza li din ghandha fil-kuntest socjali tal-pajjiz.

Izda l-Qorti hija akkordata, *per via eccezionale*, u fil-kazijiet appositi, id-diskrezzjoni li tmur kontra din ix-xewqa tal-vitma u tordna li l-proceduri kontra tal-awtur allegat jitkomplew. **Fil-fehma tal-Qorti pero l-enfazi tal-Ligi f'dan il-proviso qieghed fuq l-ghazla tal-vitma aktar milli fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti.**[11]

[11] Enfasi tal-Qorti

Fil-kaz in disamina, l-akkuzi de quo huma kollha procedibbli ex officio ad eccezzjoni. Il-vitma f'dan il-kaz wara li giet debitament imwissija mill-Qorti, insistiet li hija trid tahfer lill-imputat, riedet tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tieghu u minhabba diversi ragunijiet (possibilment inkluz dak lissalva z-zwieg u l-familja taghha) xtaqet li ma tixhedx kontra tal-imputat. Din id-decizjoni tolqot il-proceduri kontra l-awtur allegat zgur ghal dawk li huma r-reati kommessi fil-kuntest ta' vjolenza domestika kif imfissra aktar il-fuq. Ghalhekk la darba l-vitma ta' episodju li jinvolvi vjolenza domestika qed taghzel li taghmel it-talba lill-Qorti sabiex twaqqaf il-proceduri kontra tal-awtur allegat – il-Qorti tqis li ghandhom ikunu l-proceduri kriminali li jitnisslu mill-fatt ta' vjolenza domestika li semmai jistghu jitwaqfu f'dan l-istadju. ( vide ghal dan l-ghan bl-istess ragunament is-sentenza fl-isijeit **Il-Pulizija (Spettur Daryl Borg) Vs Jerken Decelis.** [12]

F'dan il-kaz dil-Qorti, wara li semghet lill-Margaret Cascun u gharblet ic-cirkostanzi taghha li fil-fatt telghet il-Qorti fi tlett okazzjnijiet flimkien ma zewgha l-akkuzat sabeix tahfirlu u baqghet konsistenti, u l-fatt li ma kellhiex ripensament tul d-divesi xhur li segwew, il-fatt li ma kellhiex oggezzjoni li l-Ordni ta' Protezzjonili li harget l-ewwel Qorti favur taghha mal-prezentata giet irtirata u kancellata ftit wara temmen li, minkejja kollox, ikun aktar fl-interess tal-Gusitizzja, nonche fl-ahjar interess tal-ulied, li r-rieda ta' Margaret Cascun tigi rispettata u li l-proceduri kriminali dwar akkuzi odjerni fejn it-tieni akkuza u cioe ir- reat jinkwadra fil-qafas legali ta' vjolenza domestika jitwaqfu hawnhekk.

Il-Qorti tosserva li l-konsegwenzi avversi li jista jkun hemm fuq l-ahjar interessi ta' Margaret Cascun u tal-ulied jekk tali procedure kontra missier l-ulied minn ommhom jitkomplew jistghu ikunu kbar.

---

[12] Deciza 22 ta' Settembru 2013 mill-Qorti tal Magitrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatur Kriminali per l-alura Magistrat Dr Aaron Bugeja

Il-Qorti għalhekk wara li rat l-Artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 2 tal-Att dwar Vjolenza Domestika qegħda tilqa' t-talba ta' Margaret Cascun sabiex il-proċeduri kontra l-imputat jiġu mwaqqfa, u konsegwentement il-Qorti qeda tirrevoka is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti billi sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u it-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tal-imputat.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imħallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur